MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru 310/2006

**Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**vs**
**Paul Spagnol**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Paul Spagnol** ta’ 38 sena, bin Paul u Doris *nee’* Bezzina , imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Mejju 1967 u residenti Block VIII Bieb D Flat 32 Triq il-Ballut San Gwann u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 224367(M);

Akkuzat talli b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li gew maghmulin b’resoluzzjoni wahda u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u cioe’:

1. Talli f’Tas-Sliema, fil-lejl ta’ bejn it-22 u t-23 ta’ Mejju 2005 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-fond numru

177 sitwat fi Triq Sant'Enriku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jacceddi l-elf lira Maltin (Lm1000), lok u hin, u li sar ghad-detriment ta' Michele Parnis;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq kwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bibien u aperturi tar-residenza 177 sitwata fi Triq Sant'Enriku Tas-Sliema, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta# l-imsemmija Michele Parnis;

3. Talli f'Hal-Ghaxaq, nhar it-30 ta' Novembru 2005 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond 'Dar il-Frott' sitwat fi Triq it-Telleritu, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), lok u hin li sar ghad-detirment ta' Vincent Galea;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq kwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bibien u aperturi tal-fond 'Dar il-Frott' sitwat fi Tirq it-Telleritu Ghaxaq, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Vincent Galea;

5. Talli fil-Gzira, nhar id-19 ta' Dicembru 2005 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond 'Sagra Familja' sitwat fi Triq Tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), lok u hin li sar ghad-detirment ta' Silvio Gruppetta u/jew il-kumpanija Macro Media;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq kwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bibien u aperturi tal-fond 'Sagra Familja' sitwat fi Triq Tas-Sliema, Gzira, liema

hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Silvio Gruppetta u/jew il-kumpanija Macro Media;

7. Talli f'San Pawl il-Bahar, nhar il-14 ta' Jannar 2006 ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond numru 446 sitwat fi Triq San Pawl, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), lok u hin li sar ghad-detirment ta' Paul Deguara;

8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq kwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bibien u aperturi tal-fond n numru 446 sitwat fi Triq San Pawl, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccediex il-hames mitt lira Maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Paul Deguara;

9. Talli nhar id-29 ta' Marzu 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data fl-Imsida u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer xjentemnet laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

10. Talli nhar id-29 ta' Marzu 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data, fl-Imsida u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, garr jew zamm armi tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

11. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibduda;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tad-29 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat

minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 325, 533, 344, 49, 503 tal-Kap 9 u 3 u 19 tal-Kap 66;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 t'Ottubru, 2008 fejn l-imputat iddikjara li ma ghandu ebda oggezzjoni sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Ikkunsidrat:

Illi xhud principali f'din il-kawza huma l-Ispettur Michael Mallia li ressaq lill-imputat biex ikun gudikat minn din il-Qorti u l-prova materjali tikkonsisti fir-rifurtiva u l-processi verbali ghal kull allegata serqa. L-imputat, kif inhu d-dritt tieghu skond il-ligi, ma ressaq l-ebda prova u ma ghamel kontro-ezami tal-ebda xhud. L-Ispettur Michael Mallia kien arresta lill-imputat wara tfittxija li kien ghamel ghall-garage li jista' jikkontjeni diversi oggetti rappurtati misruqa tul il-perjodu ta' diversi xhur. Minn ezami li kien ghamel tramite il-ventilaturi ta' diversi garages waqa' s-suspett fuq wiehed minnhom li irrizulta kien mikri lill-imputat li wara li kien mitkellem ammetta diversi serqiet li l-Pulizija kienet qeghda tinvestiga.

Illi waqt il-gbir tal-provi, l-prosekuzzjoni esebiet stqarrija tal-imputat (fol 7 sa 10 tal-process) liema stqarrija qatt ma kienet b'xi mod objettata mill-imputat. F'din l-istqarrija l-imputat jiddeskrivi kif f'Novembru tas-sena 2005 kien dahal gewwa dar f'San Pawl il-Bahar billi sgassa bieb li hemm fil-bitha u minn hemm ha diversi oggetti tal-ghamara u pitturi billi dahhal il-vann tieghu fil-garage tad-dar u minn hemm ghamel xi erba vjaggi biex trasporta l-istess. Kien ukoll qala' l-poggman biex ikun jista jghaddi bl-ghamara. L-ghamara kien gia bieghha kien ghadu qed isib il-bejgh tal-pittura. Huwa ddeskriva kif gie fil-pussess ta' uhud mil-oggetti bhala xwabel u mejda tal-kewkba minn go razzett antik f'Hal Far; cameras u hwejjeg tal-computers minn gewwa dar fil-Kappara izda cahad li seraq is-senter ghaliex kien sabu kif ukoll il-pistola li hu sab f'ghalqa San Gwann.

Il-prosekuzzujoni esebit process verbal dwar kull serqa attribwita lill-imputat frott tas-sejba tal-oggetti fil-garage tieghu b’kull serqa kommessa bi sgass u naturalment bi hsara ghal kull detentur tal-fondi in kwistjoni.

Illi d-difiza ressqet bhala xhud lis-surgent tal-habs biex jixhed dwar id-dati meta l-imputat kien qed jiskonta piena l-habs izda skond ix-xhieda tal-istess surgent, l-imputat kien qieghed inkarcerat bejn 24.5.04 u 3.6.04, 9.3.06 u 23.3.06 u l-perjodu 31.3.06 u 26.5.06. Minn ezami tal-akkuza jirriuzlta illi l-imputat ma kienx karcerat fiz-zmien meta sehhet kull serqa. Inoltre ezami tal-istess processi verbali juri li l-aggravju tal-valur ghal kull serqa huwa tajjeb rifless fl-akkuzi.

Is-sejba tal-oggetti rappurtati misruqa, u konfermati bil-gurament mill-varji sidien quddiem il-Qorti kif preseduta, fil-garage tal-imputat u d-deskrizzjoni minnu ta’ kif wettaq dawn is-serqiet u minn fejn wettaqhom skond l-istqarrija tieghu ma jhallu ebda xelta lil din il-Qorti hlief li ssibu hati ta’ twettiq ta’ dan is-serq. Inoltre l-imputat instab ukoll fil-pussess ta’ armi ta’ nar u munizzjon kif deskritti fir-relazzjoni tal-espert forensiku PS 154 Jesmond Cassar a fol.174 sa 180 tal-process mghoddija lilu mill-espert forensiku li elevahom PS 659 Jeffrey Hughes. L-istess armi kienu esebiti fil-Qorti minn PS 154.

Minn ezami tas-sentenzi esebiti Dok GA3, GA4 u GA5 jirrizulta ukoll illi l-imputat huwa recediv fit-termini tal-artikoli 49 tal-Kap 9;

Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-atikoli 18, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 325, 533, 344, 49, 503 tal-Kap 9 u 3 u 19 tal-Kap 66;

Rat il-fedina raffrettarja tal-imputat;

B’zieda ta’ grad skond l-artikolu 278 tal-Kap 9, tikkundannah komplessivament ghal terminu ta’ prigunerija ta’ hames (5) snin mil-lum u tordna l-konfiska u

d-distruzzjoni tal-armi u munizzjoni esebiti. Inoltre, ai termini tal-artikolu 533 tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti inkorsi

fl-inkjesti ir-relazzjonijiet ta’ liema huma annessi f’dan il-process u dan fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------